



## Il-perspettiva tas-soċjetà ċivili organizzata fl-Istati Membri tal-UE dwar il-proposti nazzjonali ta' riforma u investiment u l-implimentazzjoni tagħhom



**Il-Ġimgħa, 7 ta' Frar 2025 mid-09:30 sal-11:00**

fil-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali 280, Triq ir-Repubblika, Valletta, Malta



### Rapport

#### Organizzaturi tal-laqgħa ta' konsultazzjoni

- Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE)
- Il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (MCESD)

#### Sfond

*Din il-laqgħa ta' konsultazzjoni (round table) ġiet organizzata bħala parti mill-konsultazzjoni mwettqa mill-Grupp dwar is-Semestru Ewropew għat-tnejn ta' rapport ta' informazzjoni intitolat: "Il-perspettiva tas-soċjetà ċivili organizzata fl-Istati Membri tal-UE dwar il-proposti nazzjonali ta' riforma u investiment u l-implimentazzjoni tagħhom (iċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew 2024-2025)" ([ECO 651](#)).*

*Din il-konsultazzjoni tiffoka primarjament fuq il-miżuri ta' riforma u investiment fl-Istati Membri, b'mod partikolari dawk ibbażati fuq ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż 2024, u l-implimentazzjoni tagħhom. L-għan huwa li jiġi vvalutat kemm huma effettivi dawn il-miżuri u x'jista' jsir biex il-proposti jkunu aktar immirati, tittejjeb l-implimentazzjoni u jissaħħu l-monitoraġġ u l-involvement tas-soċjetà ċivili organizzata. Il-konsultazzjoni tanalizza wkoll il-pjani strutturali fiskali fuq terminu medju, proposti wara r-reviżjoni tal-qafas ta' governanza ekonomika, li t-tnejn, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tagħhom ġew inkorporati fis-Semestru Ewropew. Fl-aħħar nett, din il-konsultazzjoni tkompli fuq eżerċizzji ta' konsultazzjoni preċedenti billi teżamina l-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-riformi u*

*l-investimenti previsti fil-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza u li huma appoġġati finanzjarjament mill-fondi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.*

*Ir-riżultati ta' din il-konsultazzjoni se jinġabru fil-qosor fir-rapport ta' informazzjoni msemmi hawn fuq (ECO/651) kif ukoll f'anness meħmuż ma' dan ir-rapport. F'dan ir-rapport, il-Kumitat se jkompli jipromwovi Semestru Ewropew u qafas ta' governanza aktar parteċipattivi, bi sjieda akbar fuq livell nazzjonali u involviment aktar mill-qrib tas-soċjeta' ċivili organizzata.*

## **Dikjarazzjonijiet mill-Membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

- Il-Membri tal-Kumitat Ekonomiku ppreżentaw fil-qosor l-istruttura tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, l-attivitajiet tiegħu u l-ħidma li jwettaq il-Grupp dwar is-Semestru Ewropew.
- Spjegaw ukoll il-mod kif qed issir il-konsultazzjoni għat-tnejn tar-rapport [ECO/651](#): permezz ta' kwestjonarju, u żjarat fi tmien Stati Membri.
- Fl-2024, Malta sarulha għadd ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li koprew diversi oqsma. Din il-laqgħa ta' konsultazzjoni ffukat fuq l-oqsma li ġejjin: l-edukazzjoni u l-ħiliet, l-enerġija rinnovabbli u t-trasport.
- Il-parteċipanti ntalbu jagħtu fehmithom dwar jekk jaħsbux li l-inizjattivi li qed jittieħdu mill-awtoritajiet fil-qasam tat-trasport, l-enerġija, l-edukazzjoni u l-ħiliet humiex biżżejjed u kif jistgħu jitjiebu. Intalbu wkoll jagħtu fehmithom dwar l-eżerċizzju ta' konsultazzjoni li jsir: jekk hux qed issir konsultazzjoni biżżejjed u b'mod adegwat.

## **Dikjarazzjonijiet mill-parteċipanti**

### ***Dwar l-eżerċizzju ta' konsultazzjoni***

- Uħud mill-parteċipanti spjegaw li l-konsultazzjonijiet pubbliċi ġeneralment qed isiru b'mod tajjeb, pero' l-kwalita' tal-konsultazzjoni tvarja minn ministeru għal ieħor. Madankollu, ma kienx dejjem ċar x'qed isir wara li jintemmu l-konsultazzjonijiet. Uħud mill-parteċipanti ħassew li ġieli mhux qed jingħataw ħin biżżejjed biex jagħtu l-ispunti u l-fehmiet tagħhom.
- Għalkemm xorta għad hemm lok għal titjib, b'mod ġenerali l-parteċipanti qiesu l-qagħda tad-djalogu soċjali fil-pajjiż bħala pjuttost pożittiva. Ġiet enfasizzata l-importanza li l-inizjattivi li jittieħdu fid-diversi oqsma jkunu koordinati, u li l-ħidma meħtieġa titwettaq lil hinn miċ-ċikli politiċi.

### ***It-trasport***

- Filwaqt li l-pajjiż enfasizza ħafna fuq l-infrastruttura, pereżempju t-twessigħ tat-toroq, biex tiġi indirizzata l-problema tal-konġestjoni tat-traffiku, ma sarx biżżejjed biex jinbidlu d-drawwiet tan-nies fil-mod kif dawn jivjaġġaw. Trid issir aktar enfasi fuq is-

servizzi fi ħdan il-komunita', biex b'hekk titnaqqas il-ħtieġa li wieħed jivjaġġa lejn bliet u rħula oħra, pereżempju wara l-ħin tal-iskola biex it-tfal jattendu attivitajiet ekstrakurrikulari.

- It-trasport u l-konnessjonijiet, partikolarment bejn il-gżira ta' Malta u dik ta' Għawdex hemm bżonn li jingħataw prijorita'.
- Filwaqt li kien hemm żieda fl-ammont ta' karozzi ibridi u elettriċi, ma kienx hemm pjanijiet kif karozzi ta' din ix-xorta jistgħu jintremew ladarba dawn ma jibqgħux jaħdmu.
- Biex titnaqqas il-konġestjoni fit-toroq, tista' tiġi esplorata l-possibilita' li ċerti servizzi, pereżempju l-kunsinni, jibdew isiru bil-lejl. Madankollu, f'inizjattivi ta' din ix-xorta huwa importanti li dejjem tingħata kunsiderazzjoni lejn il-bilanċ bejn il-ħajja privata u x-xogħol.
- Huwa importanti li jekk il-miżuri li jittieħdu biex jitnaqqsu l-problemi tat-trasport u l-konġestjoni ma jkunux effettivi, dawn jiġu rtirati u mhux jinżammu xorta waħda.

### ***L-edukazzjoni u l-ħiliet***

- Ma kienx qed isir biżżejjed fil-qasam tal-ħiliet u t-taħriġ, eżempju biex persuni jitħarrġu f'ħiliet ġodda, u l-imsieħba soċjali mhumiex qed ikunu inklużi biżżejjed f'dan ir-rigward. Filwaqt li ssemew eżempji ta' għaqdiet tal-ħaddiema li taw korsijiet bi sħab mal-gvern, dawn kienu f'it wisq u u mhux b'ritmu stabbli. Ġie nnutat kif ċerti snajjiet, pereżempju dik tal-bini u tal-franka kienu se jintilfu fi f'it tas-snin oħra.
- Ma kienx qed isir biżżejjed biex in-nisa u t-tfajliet jitħarrġu fl-oqsma STEM (xjenza, teknoloġija, inġinerija u matematika). Barra minn hekk, b'mod ġenerali, ħafna żgħażaġh ma kinux qed jagħżlu x-xjenzi fl-istudji tagħhom, u dan seta' jxekkel l-ambizzjoni tal-pajjiż li jagħmel qabża diġitali.
- Filwaqt li qed issir enfasi kbira fuq ir-rata baxxa ta' twelid fil-pajjiż u fuq l-importanza li din tiżdied, billi din kienet baxxa, kien hemm bżonn isir ħafna aktar fil-qasam tal-online learning, sabiex wieħed xorta jkun jista' jibqa' intiż mal-iżviluppi fid-dinja tax-xogħol.
- Qed isir ħafna taħriġ fi ħdan il-kumpaniji minħabba l-karta tal-ħiliet (skills card). Madankollu, iċ-ċertifikazzjoni tal-ħiliet miksuba qed jieħu forma ta' ċertifikat maħruġ mill-kumpanija stess. Iċ-ċertifikazzjoni kellha ssir permezz tal-karta tal-ħiliet minn persuni mħarrġa f'dan il-qasam.
- Kienu qed jinġiebu ħaddiema minn barra l-pajjiż biex jaħdmu f'ċerti oqsma tal-kura tas-saħħa fejn hemm nuqqas ta' ħaddiema, biex b'hekk jiġu kkompensati l-lakuni li hemm. Għalkemm kien ġeneralment faċli li wieħed ikollu aċċess għal tabib f'Malta, kien fadal xi jsir sabiex tiġi indirizzata l-problema bil-waiting lists fl-isptar u tissaħħaħ ir-reżiljenza fil-qasam tas-saħħa.

### ***L-enerġija***

- Dwar l-enerġija rinnovabbli, għalkemm saru sforzi tul is-snin favur it-tranżizzjoni, dawn kellhom ritmu pjuttost kajman u instabbli. Dan seta' wkoll kien dovut għall-fatt li l-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema u ta' min iħaddem mhux dejjem ikunu favur l-azzjonijiet li kienu maħsuba. Barra minn dan, ċerti liġijiet li ddaħħlu, pereżempju dwar il-pannelli, ma kinux koordinati.

- Huwa importanti li fl-azzjonijiet li jittieħdu fil-qasam tat-tranżizzjoni ekoloġika jiġi inkluż kulħadd, biex b'hekk jissaħħaħ is-sens ta' sjieda. Barra minn hekk, kien hemm bżonn li tinbidel l-idea ġenerali li wieħed jistenna lill-gvern tal-ġurnata jieħu l-passi u l-azzjonijiet meħtieġa.

### ***Kummenti ġenerali***

- Il-qagħda fl-Ewropa kienet ta' tħassib hekk kif l-ikbar żewġ ekonomiji tagħha kienu jinsabu fi kriżi u ħafna Stati Membri kellhom dejn kbir. Dan apparti inċertezzi oħra fuq livell internazzjonali.
- Is-soluzzjonijiet għall-isfidi tal-pajjiż għandhom ikunu mfassla skont is-sitwazzjoni u r-realtajiet tal-pajjiż, filwaqt li dejjem jittieħed kont tal-istampa ġenerali barra 'l pajjiż.

### **Lista ta' parteċipanti**

Rappreżentanti mill-Ministeri u l-Gvern

Il-Kamra tal-Kummerċ (The Malta Chamber)

Il-General Workers' Union

L-Union Haddiema Magħqudin (UHM Voice of the Workers)

Il-Konfederazzjoni tat-Trade Unions Maltin (The Confederation of Malta Trade Unions (CMTU))

Il-FOR.U.M. Unions Maltin

Il-Kumitat tas-Soċjeta' Ċivili (Civil Society Committee)

L-Assoċjazzjoni Maltija tal-Lukandi u r-Ristoranti (The Malta Hotels and Restaurants Association (MHRA))

Il-Kamra għan-Negozji ż-Żgħar u Medji (Malta Chamber of SMEs)

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (MCESD)